



Kunsill Ewropew

Brussell, 29 ta' Marzu 2017
(OR. en)

XT 20001/17

BXT 1

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Notifika mir-Renju Unit skont l-Artikolu 50 TUE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża ittra tad-29 ta' Marzu 2017 mill-Prim Ministru tar-Renju Unit lill-President tal-Kunsill Ewropew.

10 DOWNING STREET

LONDON SW1A 2AA

IL-PRIM MINISTRU

29 ta' Marzu 2017

Għażiż President Tusk

Fit-23 ta' Ġunju tas-sena l-oħra, il-poplu tar-Renju Unit ivvota biex iħalli l-Unjoni Ewropea. Bħalma diġà għidt, dik id-deċiżjoni ma kinitx iċ-ċaħda tal-valuri li nħaddnu bħala Ewropej. Lanqas ma kienet tentattiv biex issir ħsara lill-Unjoni Ewropea jew lil xi stat membru li baqa' fiha. Għall-kuntrarju, ir-Renju Unit irid li l-Unjoni Ewropea tirnexxi u tistagħna. Ir-referendum, anzi, kien vot biex, fil-fehma tagħna, nieħdu lura l-awtodeterminazzjoni nazzjonali tagħna. Aħna ser inħallu l-Unjoni Ewropea, iżda mhux ser inħallu l-Ewropa - u rridu nibqgħu bl-impenn ta' sħab u alleati ma' ħbiebna mal-kontinent kollu.

Aktar kmieni dan ix-xahar, il-Parlament tar-Renju Unit ikkonferma r-riżultat tar-referendum billi, fiż-żewġt Ikmamar tiegħu, ivvota b'maġġoranza ċari u konvinċenti favur il-European Union (Notification of Withdrawal) Bill (Abbozz ta' Liġi dwar l-Unjoni Ewropea (in-Notifika ta' Ħruġ)). L-abbozz ta' Liġi ġie approvat mill-Parlament fit-13 ta' Marzu u rċieva l-Approvazzjoni Rjali mill-Maestà Tagħha r-Reġina u sar Att tal-Parlament fis-16 ta' Marzu.

Illum, għaldaqstant, qed nikteb biex id-deċiżjoni demokratika tal-poplu tar-Renju Unit issir effettiva. B'dan, jiena, f'konformità mal-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, qed ninnotifika lill-Kunsill Ewropew dwar l-intenzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, f'konformità mal-istess Artikolu 50(2) kif applikat mill-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'dan, jiena qed ninnotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Ir-referenzi f'din l-ittra għall-Unjoni Ewropea għandhom għalhekk jitqiesu li jinkludu referenza għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Din l-ittra tiddefinixxi l-approċċ tal-Gvern tal-Maestà Tagħha għad-diskussjonijiet li ser ikollna dwar it-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u dwar is-sħubija speċjali u fil-fond li nittamaw li ngawdu mal-Unjoni Ewropea - bħala l-eqreb ħabib u ġar tagħkom - ladarba nitilqu. Aħna nemmnu li dawn l-oġettivi huma fl-interess mhux biss tar-Renju Unit imma tal-Unjoni Ewropea u tal-bqija tad-dinja wkoll.

Huwa fl-aħjar interess kemm tar-Renju Unit kif ukoll tal-Unjoni Ewropea li għandna nużaw il-proċess li ġej biex nirrealizzaw dawn l-oġettivi b'mod ġust u ordnat, u bl-inqas tfixkil possibbli fuq kull naħa. Irridu niżguraw li l-Ewropa tibqa' b'saħħitha u għanja u tkun kapaċi twassal il-valuri tagħha, tkun mexxej fid-dinja, u tiddefendi ruħha mit-theddid għas-sigurtà. Aħna rridu li r-Renju Unit, permezz ta' sħubija fil-fond u speċjali ma' Unjoni Ewropea b'saħħitha, jipparteċipa bis-sħiħ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Għaldaqstant, aħna nemmnu li jenħtieġ li niftiehm u kemm dwar it-termini tas-sħubija futura ta' bejnietna kif ukoll dawk tal-ħruġ tagħna mill-Unjoni Ewropea.

Il-Gvern irid li jidħol għad-diskussjonijiet tagħna b'ambizzjoni, filwaqt li liċ-ċittadini u lin-negozji fir-Renju Unit u fl-Unjoni Ewropea - u anke lil dawk minn pajjiżi terzi madwar id-dinja - jagħtihom ċertezza kemm jista', fl-inqas żmien possibbli.

Nixtieq nipproponi xi prinċipji li jistgħu jgħinu biex insawru d-diskussjonijiet tagħna li ġejjin, iżda qabel nagħmel hekk, jenħtieġ li nagħgornakom dwar il-proċess li ser inkunu qed inwettqu f'pajjiżna, fir-Renju Unit.

Il-proċess fir-Renju Unit

Kif diġà ħabbart, il-Gvern ser iressaq leġislazzjoni li ser tħassar l-Att tal-Parlament - il-European Communities Act (Att dwar il-Komunitajiet Ewropej) tal-1972 - li jagħti effett lid-dritt tal-UE f'pajjiżna. Din il-leġislazzjoni, fejn ikun prattiku u xieraq, effettivament ser tikkonverti l-korp tal-liġijiet eżistenti tal-Unjoni Ewropea (l-"acquis") fid-dritt tar-Renju Unit. Dan ifisser li ser ikun hemm ċertezza għaċ-ċittadini tar-Renju Unit u għal kull min hu mill-Unjoni Ewropea u jagħmel negozju fir-Renju Unit. Il-Gvern ser ikollu konsultazzjonijiet dwar kif għandna nfasslu u nimplimentaw din il-leġislazzjoni, u ser nippubblikaw White Paper għada. Biħsiebna wkoll inressqu diversi atti leġislattivi li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi marbuta mat-tluq tagħna mill-Unjoni Ewropea, anke bil-ħsieb li niżguraw kontinwità u ċertezza, speċjalment għan-negozji. Ovvjament ser inkomplu nwettqu r-responsabbiltajiet tagħna bħala stat membru sakemm nibqgħu membru tal-Unjoni Ewropea, u l-leġislazzjoni li qed nipproponu mhix ser issir effettiva qabel ma nitilqu.

Mill-bidu tad-diskussjonijiet u matulhom, ser ninnegozjaw bħala Renju Unit wieħed, fl-istess waqt li nqisu debitament l-interessi speċifiċi ta' kull nazzjon u reġjun tar-Renju Unit. Meta naslu għall-kwistjoni tar-ritorn tas-setgħat lejn ir-Renju Unit, ser ikollna konsultazzjonijiet sħaħ dwar liema setgħat għandhom jinżammu minn Westminster u liema għandhom jiġu trasferiti lill-Iskozja, Wales u l-Irlanda ta' Fuq. Madankollu l-Gvern jistenna li l-eżitu ta' dan il-proċess ser ikun żieda sinifikanti fil-poteri tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kull amministrazzjoni deċentralizzata.

Negozjati bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea

Ir-rieda tar-Renju Unit hija li jilħaq ftehim mal-Unjoni Ewropea għal sħubija fil-fond u speċjali li jkun fiha l-kooperazzjoni ekonomika kif ukoll dik dwar is-sigurtà. Biex niksbu dan, nemmnu li jenħtieġ li niftiehm u dwar it-termini tas-sħubija futura ta' bejnietna kif ukoll dwar dawk tal-ħruġ tagħna mill-UE.

Jekk, madankollu, aħna nħallu l-Unjoni Ewropea mingħajr ftehim, il-pożizzjoni prestabbilita hija dik li jkollna ninnegozjaw fuq it-termini tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. F'termini ta' sigurtà, nuqqas ta' ftehim ikun ifisser li l-kooperazzjoni tagħna fil-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu ser tiddgħajjef. F'dan it-tip ta' xenarju, kemm ir-Renju Unit kif ukoll l-Unjoni Ewropea, ser jaffrontaw din il-bidla, ovvjament, iżda dan mhux l-eżitu li xi waħda mill-partijiet għandha taħdem għalih. Għaldaqstant għandna nistinkaw biex nevitaw dak l-eżitu.

Huwa għal dawn ir-raġunijiet li rridu li nkunu nistgħu nilħqu ftehim għal sħubija fil-fond u speċjali, li jkun fiha l-kooperazzjoni ekonomika kif ukoll dik dwar is-sigurtà, iżda huwa wkoll għaliex irridu li jkollna rwol biex niżguraw li l-Ewropa tibqa' b'saħħitha u għanja u kapaċi tkun mexxej fid-dinja, twassal il-valuri tagħha u tiddefendi ruħha mit-theddid għas-sigurtà. U rridu li r-Renju Unit jipparteċipa bis-sħiħ biex din il-viżjoni għall-kontinent tagħna tkun realtà.

Prinċipji proposti għad-diskussjonijiet tagħna

Filwaqt li nħarsu 'l quddiem għad-diskussjonijiet tagħna li dalwaqt nibdew, nixtieq nissuġġerixxi xi prinċipji li fuqhom nistgħu naqblu biex jgħinuna niżguraw li l-proċess ikun mingħajr xkiel u jirnexxi kemm jista' jkun.

- i. **Jenħtieġ li dak li nagħmlu flimkien isir b'mod kostruttiv u b'rispett, fi spirtu ta' kooperazzjoni leali.** Minn mindu sirt Prim Ministru tar-Renju Unit smajtkom b'attenzjoni, lilkom sħabi Kapijiet tal-Gvern tal-UE u lill-Presidenti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Parlament. Huwa għalhekk li r-Renju Unit mhux qed ifittex sħubija fis-suq uniku: nifhmu u nirrispettaw il-pożizzjoni tagħkom li l-erba' libertajiet tas-suq uniku huma indiviżibbli u ma jistax ikun hemm min jagħżel biss dak li jaqbillu. Nifhmu wkoll li ser ikun hemm konsegwenzi meta r-Renju Unit iħalli l-UE: nafu li ser nitilfu l-influenza tagħna fuq ir-regoli li jaffettwaw l-ekonomija Ewropea. Nafu wkoll li l-kumpaniji tar-Renju Unit, fil-kummerċ tagħhom fl-UE, ser ikollhom jallinjaw ruħhom ma' regoli miftiehma minn istituzzjonijiet li aħna mhux ser nibqgħu parti minnhom - bħalma jagħmlu l-kumpaniji tar-Renju Unit fi swieq barranin oħra.
- ii. **Jenħtieġ li dejjem inpoġġu liċ-ċittadini tagħna l-ewwel.** Hemm kumplessità ovyja fid-diskussjonijiet li dalwaqt ikollna, iżda jenħtieġ li niftakru li fil-qalba tad-diskussjonijiet tagħna hemm l-interessi taċ-ċittadini kollha tagħna. Pereżempju, hemm ħafna ċittadini tal-istati li għadhom membri li jgħixu fir-Renju Unit, u ċittadini tar-Renju Unit li jgħixu f'imkejjen oħra tal-Unjoni Ewropea, u jenħtieġ li naslu għal ftehim bikri dwar drittijietom.
- iii. **Jenħtieġ li naħdmu biex niksbu ftehim komprensiv.** Aħna rridu li niftiehm u dwar sħubija fil-fond u speċjali bejn ir-Renju Unit u l-UE, li jkun fiha l-kooperazzjoni ekonomika kif ukoll dik dwar is-sigurtà. Ser ikollna bżonn niddiskutu kif niddeċiedu dwar soluzzjoni ġusta tad-drittijiet u l-obbligi tar-Renju Unit bħala stat membru tielaq, f'konformità mal-liġi u fl-ispirtu tas-sħubija kontinwata tar-Renju Unit mal-UE. Iżda nemmnu li jeħtieġ li niftiehm kemm dwar it-termini tas-sħubija futura ta' bejnietna kif ukoll dawk tal-ħruġ tagħna mill-UE.
- iv. **Jenħtieġ li naħdmu flimkien sabiex innaqqsu t-tfixkil u nagħtu ċertezza kemm jista' jkun.** L-investituri, in-negozji u ċ-ċittadini kemm fir-Renju Unit kif ukoll fis-27 stat membru li għadhom fl-Unjoni - u dawk minn pajjiżi terzi madwar id-dinja - iridu jkunu jistgħu jippjanaw. Sabiex nevitaw il-possibbiltà ta' effett ta' preċipizju aħna u nimxu mir-relazzjoni li għandna issa lejn is-sħubija futura ta' bejnietna, ikun ta' għid għall-individwi u għan-negozji, kemm fir-Renju Unit kif ukoll fl-UE, li jkun hemm perjodi ta' implimentazzjoni biex l-aġġustamenti għall-arranġamenti l-ġodda jsiru bla xkiel u bl-ordni. Ikun ta' għajjnuna liż-żewġ naħat biex inaqqsu t-tfixkil bla bżonn jekk kmieni fil-proċess naqblu dwar dan il-prinċipju.

- v. **B'mod partikolari, irridu noqogħdu attenti għar-relazzjoni unika li r-Renju Unit għandu mar-Repubblika tal-Irlanda u l-importanza tal-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq.** L-Irlanda ta' Fuq hija l-unika stat membru tal-UE bi fruntiera fuq l-art mar-Renju Unit. Aħna rridu nevitaw li nerġgħu lura għal fruntiera b'kontrolli stretti bejn iż-żewġ pajjiżi, irridu nżommu ż-Żona ta' Vjaġġar Komuni bejnietna, u rridu niżguraw li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE ma jkunx ta' ħsara għar-Repubblika tal-Irlanda. Barra minn hekk, għandna r-responsabbiltà importanti li niżguraw li ma jsir xejn li jista' jipperikola l-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq, u għandna nkomplu nirrispettaw il-Ftehim ta' Belfast.
- vi. **Jeħtieġ li malajr kemm jista' jkun nibdew diskussjonijiet tekniċi dwar l-oqsma politiċi fid-dettall, iżda jeħtieġ li nagħtu prijorità lill-akbar sfidi.** Ovvjament, il-qbil dwar approċċ flivell għoli għall-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-ħruġ tagħna ser ikun prijorità bikrija. Iżda aħna qed nipproponu wkoll Ftehim ta' Kummerċ Ħieles kuraġġuż u ambizzjuż bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea. Dan jenħtieġ li jkollu ambitu u ambizzjoni akbar minn kull tali ftehim li qatt sar qabel sabiex ikun ikopri setturi kruċjali għall-ekonomiji marbuta tagħna bħas-servizzi finanzjarji u l-industriji li jużaw netwerk. Dan ser ikun jeħtieġ diskussjonijiet tekniċi fid-dettall, iżda billi r-Renju Unit huwa stat membru eżistenti tal-UE, iż-żewġ naħat diġà għandhom oqfsa regolatorji u standards li jaqblu. Għalhekk jenħtieġ li nagħtu prijorità lil kif ser nimmaniġġaw l-evoluzzjoni tal-oqfsa regolatorji tagħna sabiex insostnu ambjent ġust u miftuħ għall-kummerċ, u kif nirriżolvu t-tilwim. Fir-rigward tal-ambitu tas-sħubija ta' bejnietna - kemm fuq kwistjonijiet ekonomiċi kif ukoll dawk ta' sigurtà - l-uffiċjali tiegħi ser jippreżentaw proposti dettaljati għal kooperazzjoni fil-fond, wiesgħa u dinamika.
- vii. **Jenħtieġ li nkomplu naħdmu flimkien biex immexxu 'l quddiem u nħarsu l-valuri Ewropej komuni tagħna.** Jista' jkun li llum, aktar minn qatt qabel, id-dinja għandha bżonn il-valuri liberali u demokratiċi tal-Ewropa. Aħna rridu nagħtu sehemna biex niżguraw li l-Ewropa tibqa' b'saħħitha u għanja u kapaċi tkun mexxej fid-dinja, twassal il-valuri tagħha u tiddefendi ruħha mit-theddid għas-sigurtà tagħha.

Il-ħidma li għandna quddiemna

Kif diġà għidt, il-Gvern tar-Renju Unit irid li jilħaq ftehim dwar sħubija fil-fond u speċjali bejn ir-Renju Unit u l-UE, li jkun fiha l-kooperazzjoni ekonomika kif ukoll dik dwar is-sigurtà. Fi żmien fejn ir-rata tat-tkabbir tal-kummerċ globali qed tonqos u fejn hemm sinjali li l-istinti protezzjonisti qed jissaħħu f'ħafna partijiet tad-dinja, l-Ewropa għandha responsabbiltà li tiddefendi l-kummerċ ħieles fl-interess taċ-ċittadini kollha tagħna. Bl-istess mod, is-sigurtà tal-Ewropa hija aktar fraġli llum milli qatt kienet minn tmiem il-Gwerra l-Bierda 'l hawn. Jekk indgħajfu l-kooperazzjoni ta' bejnietna għall-prosperità u l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna nkunu qed inwettqu żball kbir. L-għanijiet tar-Renju Unit għas-sħubija futura ta' bejnietna jibqgħu dawk indikati fid-diskors tiegħi ta' Lancaster House fis-17 ta' Jannar u fil-White Paper sussegwenti li kienet ippubblikata fit-2 ta' Frar.

Aħna nirrikonoxxu li ser tkun sfida li nilħqu ftehim fi żmien sentejn ta' diskussjonijiet tal-ħruġ kif stabbilit fit-Trattat. Iżda nemmnu li jenħtieġ li niftiehmu kemm dwar it-termini tas-sħubija futura ta' bejnietna kif ukoll dawk tal-ħruġ tagħna mill-UE. F'dawn id-diskussjonijiet, aħna qed nitilqu minn pożizzjoni unika - allinjament regolatorju strett, fiduċja fl-istituzzjonijiet ta' xulxin, u bi spirtu ta' kooperazzjoni li jmur lura għexieren ta' snin. Huwa għal dawn ir-raġunijiet, u billi s-sħubija futura bejn ir-Renju Unit u l-UE hija ta' daqstant importanza għaż-żewġ naħat, li ninsab ċerta li l-ftehim jista' jintlaħaq fil-perjodu stabbilit mit-Trattat.

Il-kompitu li għandna quddiemna huwa ta' importanza storika iżda m'għandux jaqtgħalna qalbna. Fl-aħħar mill-aħħar, l-istituzzjonijiet u l-mexxejja tal-Unjoni Ewropea rnexxielhom jgħaqqdu kontinent mifni bil-gwerra f'unjoni ta' nazzjonijiet fil-paċi, u appoġġaw it-tranżizzjoni minn dittatorjati għad-demokrazija. Jiena naf li flimkien aħna kapaċi nilħqu ftehim dwar id-drittijiet u l-obbligi tar-Renju Unit bħala stat membru tielaq, filwaqt li nistabbilixxu sħubija fil-fond u speċjali li tikkontribwixxi għall-prosperità, is-sigurtà u s-setgħa globali tal-kontinent tagħna.

Yours sincerely


L-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Donald Tusk